MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 494/2005

**Anthony u Catherine, konjugi Caruana (ID 1028046M) u (304148 M)**

**vs**

**Norman u Maryann konjugi Bezzina u Joseph Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Mejju 2005 fejn esponew: -

Illi l-atturi Anthony u Catherine, konjugi Caruana huma ko-propjetarji tal-art imsejha "Ta' Davlin", fil-limiti taz-Zejtun, fi Sqaq li jaghti ghal Hal Tarxien, liema art ghandha kejl ta' circa 4263 metri kwadri, u liema art hija ahjar deskritta fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella, tat-8 ta' Marzu 2004,

kopja ta’ liema att huwa hawn bhala Dok. “A”, u liema art hija ndikata fuq il-pjanti annessi bhala Dok. “B” u Dok. “C”.

Illi kif jirrizulta mill-istess att pubbliku anness bhala Dok. “A” u mis-sentenza tal-Qorti tat-28 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet: *Norman Bezzina u Joseph Spiteri vs Anthony Caruana u Catherine Caruana ghal kull interess li jista’ jkollha* Citazzjoni Numru 678/98RCP, kopja ta’ liema sentenza qieghda tigi esibita bhala Dok. “D”, l-atturi huma propjetarji ta’ nofs indiviz tal-istess art, filwaqt illi l-konvenuti huma ko-propjetarji tan-nofs indiviz l-iehor, f’zewg kwoti ugwali bejniethom.

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu aktar in komunjoni mal-konvenuti in kwantu jirrigwarda l-ghalqa hawn fuq imsemmija;

Illi l-ghalqa hawn fuq imsemmija hija kommodament divizibbli;

Illi l-konvenuti fit-18 ta’ Jannar 2005 gew ufficjalment interpellati sabiex jersqu ghad-divizjoni tal-art hawn fuq imsemmija izda xorta baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-art hawn fuq imsemmija hija in komunjoni bejn il-partijiet;

2. Tiddividi l-art hawn fuq imsemmija, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi, f’zewg kwoti ugwali, tenut kont tas-superfici, valur u accessibbilta`: nofs li ghandu jigi assenjat lill-atturi u nofs l-iehor li ghandu jigi assenjat lill-konvenuti bejniethom;

3. Tassenja l-kwoti hekk divizi lill-kontendenti;

4. Tinnomina nutar sabiex jircievi u jippublika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2005 kontra l-konvenuti li jibqghu min issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Norman u Maryann Bezzina karta ta' identita` numri 667054M u 725154M datata 8 ta' Awwissu (fol 46) fejn esponew: -

1. Illi filwaqt li jaqblu li ssir il-qasma u dan permezz ta' periti nominandi u l-pubblikazzjoni tal-att relattiv, tal-art imsejha 'Ta' Davlin', fil-limiti taz-Zejtun fi sqaq li jaghti fuq Triq Hal-Tarxien, liema art ghandha kejl ta' cirka elfejn u mitejn u erbgha u ghoxrin metri kwadri (2224mk), li minnha flimkien mal-konvenut l-iehor Joseph Spiteri ghandhom nofs ½ indiviz in proprjeta' b'sehem indaqs bejniethom, u ergo' rejalment huma sidien ta' kwart ¼ indiviz mill-intier, tali qasma ma ghandhiex issir f'zewg kwoti ugwali kif pretiz fit-tieni talba, izda li issir f'erba' kwoti ugwali;

2. Illi minghajr pregudizzju tkun kif tkun il-qasma ordnata mill-Onorabbli Qorti, il-mghoddija tas-sehem relattiv lill-partijiet, ma ghandhiex issir permezz ta' assenjazzjoni kif pretiz fit-tielet talba, izda billi l-ishma jigu imtellghin bix-xorti *a tenur* tal-artikolu 510 tal-Kodici Civili.

3. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Spiteri datata 5 ta' Ottubru 2005 (fol 50) fejn espona: -

1. Illi l-esponent ma jopponix l-ewwel u r-raba' talba fic-citazzjoni.

2. Illi t-tieni u t-tielet talba attrici ma ghandhomx jintlaqghu hekk kif dedotti fic-citazzjoni *stante* li b'tali talbiet qieghda tintalab qasma parzjali u mhux kompleta tal-art mertu tal-kawza u dan ghaliex fil-waqt li-ko-propjetarji fl-art mertu ta' din il-kawza huma tlieta u cioe` l-atturi, il-konvenut eccipjent odjern u l-konvenuti konjugi

Bezzina, f’dawn it-talbiet qieghda ssir talba ghal qasma u assenjazzjoni f’ zewg kwoti u mhux tlieta.

3. Illi din il-Qorti ghandha tiddeciedi illi taqsam l-art mertu ta’ din il-kawza fi tliet porzjonijiet u cioe` nofs sehem diviz li ghandu jigi assenjat lill-atturi, kwart sehem diviz li ghandu jigi assenjat lill-eccipjent odjern u kwart diviz iehor li ghandu jigi assenjat lill-konvenuti konjugi Bezzina.

4. Illi l-eccipjent odjern qatt ma oppona u sallum ma jopponix illi l-art mertu ta’ din il-kawza tinqasam biex b'hekk kull parti f’din il-kawza tiehu s-sehem diviz taghha mill-istess art. Illi ghaldaqstant l-esponent Joseph Spiteri ma ghandux jbati l-ispejjes ta’ din il-kawza li ghandhom jigu ssapportati mill-konvenuti konjugi Bezzina li effettivament kienu huma li opponew illi ssir din il-qasma.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta biex tinstema’ quddiem l-Assistent Gudizzjarju ghas-seduta tas-27 ta’ Frar 2006.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datata 13 ta’ Gunju 2006 (fol 121) fejn talbu lill-Qorti fl-ewwel lok joghgobha tordna li l-attur Anthony Caruana jipprezenta mill-gdid l-affidavit tieghu nieqes id-disa’ paragrafu msemmi u sussegwentement *a tenur* tal-artikolu 994(3) tal-Kap 12 tordna l-isfilz tal-ewwel wiehed hawn lamentat inkluz il-kopja hawn annessa, mir-registru tal-Qrati u mill-process taht dawk il-kundizjonijiet li lill-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa; u l-Qorti kif diversament presjeduta rat li minkejja li nghata l-*visto* mill-avukat tal-parti l-ohra ma tressqitx twegiba ghat-talba; rat l-atti tal-kawza, u b’ mod partikolari l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju 2006; tipprovdi dwar it-talba billi ghall-finijiet tal-Art 994(4) tal-Kap 12 tilqa’ t-talba billi tordna t-thassir tal-kliem kollu fid-disa’ (9) paragrafu tal-affidavit tal-attur f’ pagna 54 tal-kawza, u dan kif jidher mid-digriet moghti fit-23 ta’ Gunju 2006 a fol 123 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006 ghat-trattazzjoni u sottomissjonijiet tal-partijiet, u dan wara li rat l-atti kollha tal-process u l-proceduri ta' qabel is-smigh inghalqu.

Rat ir-rikors tal-attur et datat 6 ta' Frar 2007 (fol 140) fejn talbu lill-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza korrezzjoni fl-atti fis-sens illi kull fejn il-kejl tal-art in kwistjoni, fit-totalita` taghha huwa indikat bhala "**circa 2224 metri kwadri**", din taqra' "**circa 4263 metri kwadri**", u l-Qorti kif diversament presjeduta, bid-digriet taghha moghti fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 (fol 150), laqghet it-talba u ordnat illi tissewwa c-cifra msemmija fl-ewwel premessa tac-citazzjoni billi c-cifra "2224" tinbidel fic-cifra "4263".

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Godwin P. Abela pprezentata fir-registru fit-18 ta' Jannar 2007 (fol 142).

Rat in-nota ta' kritika tal-konjugi Norman u Maryanne Bezzina rigward ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, datata 15 ta' Gunju 2007 (fol 153).

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kawza li thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tal-31 ta' Ottubru 2012 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn b' ordni tal-Qorti u peress li l-Qorti kienet tehtieg iktar zmien ghall-ghoti tas-sentenza, il-kawza giet differita ghal dan il-ghan ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut Joseph Spiteri mhux assistit. L-atturi u d-difensur taghhom msejhin tliet darbiet baqghu ma dehrux. Peress li l-Qorti dehrilha li tisma' l-partijiet fi trattazzjoni verbali, halliet il-kawza ghas-26 ta'

Marzu 2013 sabiex isir appuntament bejn id-difensuri tal-partijiet f' dan il-kaz; rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Marzu 2013 u dak tat-30 ta' Mejju 2010 fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza deher Dr. Chris Borg ghall-atturi mhux prezenti, u Dr. Beppe Fenech Adami u Dr. Kenneth Cutajar ghall-konvenuti prezenti. Il-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Novembru 2013; u l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2013 fejn b' ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghas-27 ta' Frar 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza tirrigwarda t-talba ta' l-atturi ghad-divizjoni ta' porzjoni diviza ta' art imsejha *Ta' Davlin* fil-limiti taz-Zejtun, fi Sqaq li jaghti ghal Hal-Tarxien, tal-kejl ta' circa 4263 metri kwadri.

Illi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li l-atturi huma komproprjetarji *pro indiviso* ta' sehem ta' nofs (1/2) mill-imsemmija ghalqa, filwaqt li l-konvenuti huma komproprjetarji tan-nofs (1/2) indiviz rimanenti fi kwoti ugwali bejniethom.

Il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti mhix dwar l-ishma imma dwar il-modalita' tal-qasma. L-intimati konjugi Bezzina jsostnu li l-qasma ghandha issir f'erba' (4) kwoti ugwali, imtellghin bix-xorti *a tenur* tal-artikolu 510 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenut Joseph Spiteri jikkontendi li l-qasma ghandha ssir fi tliet kwoti. Hu jissottometti li nofs (1/2) sehem diviz ghandu jigi assenjat lill-atturi filwaqt li kwart (1/4) sehem diviz ghandu jigi assenjat lill-konjugi Bezzina u lilu rispettivament. Altrimenti, jissokta jghid, qasma f'zewg kwoti biss tipproduci divizjoni parzjali tal-ghalqa in divizjoni.

Illi mill-atti jirrizulta li b'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "***Norman Bezzina et. v. Anthony Caruana et."*** deciza fit-28 ta'

Ottubru 2003, l-atturi odjerni gew ordnati jittrasferixxu lill-konvenuti odjerni n-nofs (1/2) indiviz mill-art formanti parti mill-ghalqa *Ta' Davlin,* il-kejl ta' din l-ghalqa ta' 2224 metri kwadri ghall-intier, f'ishma ugwali bejniethom ghar-ragunijiet esposti fl-istess sentenza (**DOK D**). Il-kuntratt ta' trasferiment in segwitu ghas-sentenza gie debitament ippubblikat min-Nutar Dottor Nicholas Vella fit-8 ta' Marzu 2004 (**DOK A**).

F'dan l-istadju l-Qorti tosserva li ghalkemm il-kejl imsemmi fis-sentenza u fl-att ta' assenjazzjoni hu ta' 2224 metri kwadru, waqt il-provi irrizulta li l-ghalqa hija tal-kejl ta' 4263 metri kwadri[1] u b'hekk l-att promotur gie korrett. L-ishma baqghu l-istess.

**Anthony Caruana** xehed[2] li ried jaghmel il-qasma meta saret l-assenjazzjoni izda Norman Bezzina insista li l-art tibqa' indiviza bejniethom.

Xehed **Joseph Spiteri[3]** u kkonferma li Norman Bezzina kien oppona ghall-qasma.

Xehed **Norman Bezzina[4]** u qal li ma jopponix ghall-qasma izda ma kienx hemm qbil dwar kif kellha ssir il-qasma ghaliex hu ried li l-art tinqasam f'ishma ta' kwart (1/4) kull wiehed. Filwaqt li Joseph Spiteri ma kellux oggezzjoni l-atturi ma qablux ma' dan is-suggeriment.

Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti kif diversament presjeduta, hatret lill-Perit A.& C.E. Godwin Abela bhala Perit Tekniku biex a) ihejji pjan ta' qasma relattiv, bi stimi xierqa ta' kull sehem u b) biex jiddikjara jekk il-gid jistax jinqasam bla xkiel.[5]

---

[1] Rikors tal-atturi tas-6 ta' Frar 2007 milqugh b' Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-8 ta' Frar 2007 a fol. 150 tal-process.
[2] Affidavit a fol. 57 tal-process.
[3] Seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-16 ta' Marzu 2006 (fol.43 *et.seq.*
[4] Seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta' Gunju 2006 (fol.48 *et.seq.*
[5] Digriet tad-19 ta' Settembru 2006 a fol. 135a tal-process.

Fir-rapport tieghu, debitamernt mahluf (esebit a fol. 142 sa 149) l-Espert Tekniku, wara li ra l-atti, sema' lill-partijiet, u zamm access fuq l-ghalqa in kwistjoni, irrelata hekk:-

i. L-art hija ghalqa b'forma rettangolari li tinsab fil-limiti taz-Zejtun barra miz-zona tal-izvilupp accessibbli minn sqaq rurali li jaghti ghal sqaq iehor li eventwalment iwassal ghal Triq Hal-Tarxien.

ii. L-ghalqa fil-fatt ghandha l-kejl ta' 4263 m.k.

iii. Il-valur attwali tal-art hu ta' erbghin elf lira Maltin (LM40,000)(€93,174).

iv. L-art in kwistjoni hija divizibbli minghajr xkiel.

**Pjan ta' Qasma**

Ghaldaqstant il-Perit ippropona s-segwenti pjan ta' qasma wara li kkonstata li s-sehem tal-atturi ghandu valur ta' Lm20,000 u dik tal-konvenuti konjugi Bezzina min-naha wahda, u Joseph Spiteri min-naha l-ohra, rispettivament ta' valur ta' Lm10,000 (kwart diviz kull wiehed), u cioe`:

1. Jinholoq passagg fil-Majjistral tal-ghalqa wiesgha zewg (2) metri sabiex ikun hemm access ghall-partijiet kollha tal-ghalqa kif maqsuma u muri fuq il-pjanta annessa **DOK X a fol. 147 tal-process** immarkat b'linji hodor; dan il-passagg jibqa' indiviz.

2. Il-*plot* immarkata **Plot C** ta' kejl ta' cirka 2064 m.k. (nofs diviz) tigi assenjata lill-atturi.

3. Il-*plots* **A u B** tal-kejl kull wiehed ta' circa 1032.32.m.k. u cioe` kwart diviz kull wiehed jigu assenjata permezz ta' polza wiehed lil Norman u Maryanne konjugi Bezzina u l-iehor lil Joseph Spiteri.

Qabel xejn il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza "***Joseph Scicluna et vs Maria Calleja et***," deciza fit-30 ta' Lulju 1964, fejn gie osservat li "*fejn l-ishma tal-*

*kondividenti huma ugwali ghandhom jigu mtellghin bix-xorti u d-diskrezzjoni tal-qorti li taghzel bejn is-sistema tal-attribuzzjoni u tas-sortegg, f'kollox jew in parti, issib applikazzjoni biss fil-kaz fejn l-ishma huma inegwali. Biex wiehed jara jekk l-ishma humiex ugwali jew le l-qorti ghandha thares esklussivament lejn il-komunjoni li trid tigi diviza, fil-mument tal-bidu taghha u mhux lejn fatti posterjuri ta' akkwist ta' ishma, jew ta' ekwiparazzjonijiet mehtiega fl-operazzjonijiet tad-divizjoni jew lejn in-necessita` tas-suddivizjoni."*

Fil-kaz in ezami, l-ishma huma inugwali in kwantu nofs (1/2) indiviz jappartjeni lill-atturi u kwart (1/4) kull wiehed lill-konvenuti. Xejn ma jiswa ghall-konvenuti Bezzina li jsostnu li l-qasma ghandha issir f'erba' (4) kwoti ugwali peress li ma hemm xejn fil-ligi li jgieghel lill-kondividenti li jaccettaw suddivizjoni tas-sehem taghhom. L-ghalqa in kwistjoni giet ikkonsidrata bhala art shiha f'din il-kawza, u jaghmel sens li tigi indirizzata bhala tali *ai fini* ta' din id-divizjoni. Dan sabiex jigi evitat ezitu assurd u sahansitra ingust fejn l-atturi jkollhom zewg porzjonijiet divizi tal-kejl ta' kwart kull wiehed li ma jkunux attigwi imma separati bis-sehem li jispetta lil wiehed jew iehor mill-kondividenti l-ohra.

Ikkonsidrat *in linea* ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak "*ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami*" ("**Grima vs Mamo et noe**" **–** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

*"Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku."* ("**Cauchi vs Mercieca**" **–**

Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999; “**Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u “**Calleja *noe* vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

*Inoltre "Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*” – (“**Bugeja *et* vs Muscat et” –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Fil-kaz tallum, jirrizulta bhala fatt li saret **biss nota ta' kritika** tar-rapport tal-perit tekniku.

Id-difensur tal-atturi li qaghad fuq il-konkluzjonijiet peritali, qal biss li "*l-moghdija stabbilita mill-perit ghandha tkun wiesgha bizzejjed biex tista' tghaddi vettura."* Madanakollu l-Qorti tifhem ukoll li l-Perit wasal ghall-valutazzjoni tal-porzjonijiet proposti minnu fil-qasma b'konsiderazzjoni tal-kejl mehud ghall-moghdija proposta u ghalhekk mhix f'pozizzoni li tillikwida valur b'ekwiparazzjoni f'kaz li l-moghdija titwessa'. Messa saret mistoqsija in eskussjoni dwar dan il-fatt u l-Qorti mhix ser tvarja l-pjan f'dan l-istadju inultrat tal-proceduri b'mod li jista' ikun hemm impatt fuq il-valuri rispettivi tal-porzjonijiet fil-qasma.

Din il-Qorti sejra taddotta l-accertamenti u l-konkluzjonijiet dedotti fir-rapport tal-perit tekniku kif espress fir-relazzjoni tieghu ghaliex huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet teknici u huma ragjonevoli u gusti fic-cirkostanzi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu inkompatibbli ma' din id-decizjoni, **tilqa'** t-talbiet attrici billi :-

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara illi l-art imsejha *Ta' Davlin* fil-limiti taz-Zejtun, fi Sqaq li jaghti ghal Hal-Tarxien tal-kejl ta' circa 4263 metri kwadri, mertu ta' din il-kawza hija in komunjoni bejn il-partijiet;

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tiddividi l-art hawn fuq imsemmija skont il-pjan ta' qasma maghmul mill-Perit A & CE Godwin Abela a fol. 146 tal-process, liema pjan kif muri fil-pjanta annessa ghar-rapport peritali bhala **DOK X** a fol 147 tal-process qed jigu addottati bhala parti integrali minn din is-sentenza.

3. **Tilqa' t-tielet talba attrici** fis-sens li :-

i. Jinholoq passagg fil-Majjistral tal-ghalqa wiesgha zewg (2) metri sabiex ikun hemm access ghall-partijiet kollha tal-ghalqa kif maqsuma u muri fuq il-pjanta annessa **DOK X a fol. 147 tal-process** immarkat b'linji hodor; dan il-passagg jibqa' indiviz.

ii. Il-*plot* immarkata **Plot C** ta' kejl ta' cirka 2064 m.k. (nofs (1/2) diviz) tigi assenjata lill-atturi Anthony u Catherine konjugi Caruana indivizament bejniethom.

iii. Il-*plots* **A u B** tal-kejl kull wiehed ta' circa 1032.32.m.k. u cioe` kwart (1/4) diviz kull wiehed jigu assenjati permezz ta' polza wiehed lil Norman u Maryanne konjugi Bezzina u l-iehor lil Joseph Spiteri.

4. **Tilqa' r-raba' talba attrici** u tinnomina lin-Nutar Henri Vassallo sabiex fl-4 ta' April 2014 f'nofsinhar fl-edifizju tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta, jircievi u jippubblika l-att opportun u jtella' l-poloz. **Tinnomina** lill-Avukat Dottor Anna Mallia ghall-eventwali kontumaci.

L-ispejjez kollha nkluzi dawk Notarili u tal-Avukat hawn nominata jithallsu kwantu ghal nofs (1/2) mill-atturi u kwantu ghal kwart (1/4) mill-konjugi Bezzina u kwart (1/4) minn Joseph Spiteri li jirriflettu s-sehem li kull wiehed ghandu mill-ghalqa in divizjoni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------